PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2173(INI)

5.12.2008

EMENDI
1 - 28

Abbozz ta' opinjoni
Roberta Angelilli
(PE415.189v01-00)

dwar il-ħarsien tal-konsumaturi, b'mod partikolari l-minorenni, fir-rigward tal-użu tal-*videogames*
(2008/2173(INI))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Roberta Angelilli

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu -1 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	-1. Jenfasizza li l-videogames huma waħda mill-attivitajiet għar-rikreazzjoni l-aktar favoriti taċ-ċittadini ta' kull età u provenjenza soċjali; jagħraf il-valur edukattiv tal-videogames, anki biex jiffaċilitaw l-introduzzjoni tal-minuri għat-tekonoloġiji l-ġodda; jaqsam, madanakollu, it-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-perikli potenzjali tal-użu ħażin tal-videogames mill-minuri;

Or. it

Emenda 2
Roberta Angelilli

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha ***jutilizzaw is-sistema*** fakultattiva Ewropea PEGI (Pan European Game Information) ta' informazzjoni fuq il-logħbiet, ***ġa applikata*** fil-maġġor parti tal-Istati Membri, li tikklassifika s-software tad-divertiment skont l-età bl-iskop li l-minuri ma jitħallewx ikunu esposti għal logħbiet li ma humiex adattati għalihom;	1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha ***jippromwovu t-tixrid u l-użu tas-sistema*** fakultattiva Ewropea PEGI (Pan European Game Information) ta' informazzjoni fuq il-logħbiet, *diġà* ***mħaddma*** fil-maġġor parti tal-Istati Membri, li tikklassifika s-software tad-divertiment skont l-età bl-iskop li l-minuri ma jitħallewx ikunu esposti għal logħbiet li ma humiex adattati għalihom;

Or. it

Emenda 3
Renate Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jutilizzaw is-sistema fakultattiva Ewropea PEGI (Pan European Game Information) ta' informazzjoni fuq il-logħbiet, ġa applikata fil-maġġor parti tal-Istati Membri, li tikklassifika s-software tad-divertiment skont l-età bl-iskop li l-minuri ma jitħallewx ikunu esposti għal logħbiet li ma humiex adattati għalihom;	1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha ***u l-partijiet interessati*** jutilizzaw is-sistema fakultattiva Ewropea PEGI (Pan European Game Information) ta' informazzjoni fuq il-logħbiet, ġa applikata fil-maġġor parti tal-Istati Membri, li tikklassifika s-software tad-divertiment skont l-età bl-iskop li l-minuri ma jitħallewx ikunu esposti għal logħbiet li ma humiex adattati għalihom;

Or. fr

Emenda 4
Nicolae Vlad Popa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jutilizzaw is-***sistema fakultattiva*** Ewropea PEGI (Pan European Game Information) ta' informazzjoni fuq il-logħbiet, ġa applikata fil-maġġor parti tal-Istati Membri, li tikklassifika s-software tad-divertiment skont l-età bl-iskop li l-minuri ma jitħallewx ikunu esposti għal logħbiet li ma humiex adattati għalihom;	1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jutilizzaw is-sistema fakultattiva Ewropea PEGI (Pan European Game Information) ta' informazzjoni fuq il-logħbiet ***u s-sistemi PEGI online***, ġa applikati fil-maġġor parti tal-Istati Membri, li jikklassifikaw is-software tad-divertiment skont l-età ***u s-siti tal-logħob tal-azzard online b'tikkettar tal-kwalità*** bl-iskop li l-minuri ma jitħallewx ikunu esposti għal logħbiet li ma humiex adattati għalihom;

Or. en

Emenda 5
Nicolae Vlad Popa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	1a. Jistieden lill-Istati Membri kollha jiżguraw li s-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni ma jkunux żviluppati b'mod li jdgħajfu s-sistema PEGI;

Or. en

Emenda 6
Roberta Angelilli

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri ***jissemplifikaw is-simboloġija*** tas-sistema PEGI bl-iskop ***li ssir aktar tinftiehem mill-*** ġenituri;	2. Jistieden lill-Istati Membri ***jħeġġu s-simplifikazzjoni tas-simboloġija*** tas-sistema PEGI ***u tal-PEGI Online*** bl-iskop ***li jagħmluha aktar ċara u tinftiehem mill-*** ġenituri, ***kemm fir-rigward tal-età u kemm tal-kontenut***;

Or. it

Emenda 7
Renate Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri ***jissemplifikaw*** is-simboloġija tas-sistema PEGI ***bl-iskop li ssir aktar tinftiehem*** mill-ġenituri;	2. Jistieden lill-Istati Membri ***u lill-partijiet interessati biex isaħħu l-fehim dwar*** is-simboloġija tas-sistema PEGI ***b'mod partikolari*** għall-ġenituri;

Or. fr

Emenda 8
Nicolae Vlad Popa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri jissemplifikaw is-simboloġija ***tas-sistema PEGI*** bl-iskop li ***ssir*** aktar ***tinftiehem*** mill-ġenituri;	2. Jistieden lill-Istati Membri jissemplifikaw is-simboloġija ***tal-PEGI u s-sistemi online tal-PEGI*** bl-iskop li ***jsiru*** aktar ***jinftiehmu*** mill-ġenituri;

Or. en

Emenda 9
Roberta Angelilli

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu t-tixrid tas-sistema PEGI fost ***il-manifatturi*** tal-*consoles* tal-logħob u fost il-bejjiegħa tal-ħwienet, u biex isiru azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-utilizzazzjoni tagħha għall-familji u l-edukaturi;	3. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu t-tixrid tas-sistema PEGI fost ***il-produtturi*** tal-*consoles* tal-logħob u fost il-bejjiegħa tal-ħwienet, u biex isiru azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-utilizzazzjoni tagħha għall-familji u l-edukaturi;

Or. it

Emenda 10
Nicolae Vlad Popa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu t-tixrid ***tas-sistema PEGI*** fost il-manifatturi tal-*consoles* tal-logħob u fost il-bejjiegħa tal-ħwienet, u biex isiru azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-utilizzazzjoni ***tagħha*** għall-familji u l-edukaturi;	3. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu t-tixrid ***tal-PEGI u tas-sistemi PEGI online*** fost il-manifatturi tal-*consoles* tal-logħob u fost il-bejjiegħa tal-ħwienet, u biex isiru azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-utilizzazzjoni ***tagħhom*** għall-familji u l-edukaturi;

Or. en

Emenda 11
Inger Segelström

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Istati Membri jippredisponu leġiżlazzjoni ad hoc, ta' natura ċivili u kriminali, dwar ***kemm*** il-bejgħ bl-imnut ***tal-videogames*** vjolenti ***għat-tfal, kif ukoll il-videogames online***;	4. Jistieden lill-Istati Membri jippredisponu leġiżlazzjoni ad hoc, ta' natura ċivili u kriminali,dwar il-bejgħ bl-imnut ***tal-logħob tat-televiżjoni, videogames u logħob tal-kompjuter*** vjolenti; ***iqis li għandha tingħata attenzjoni speċjali lil-logħob online immirat prinċipalment għat-tfal u ż-żgħażagħ li l-għan tiegħu hu li jagħmel il-qligħ***;

Or. sv

Emenda 12
Kinga Gál

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu s-sistemi ta' filtru li jistgħu jinqdew bihom il-familji għal dak li għandu x'jaqsam mal-	5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu s-sistemi ta' filtru li jistgħu jinqdew bihom il-familji għal dak li għandu x'jaqsam mal-

videogames online, b'attenzjoni partikolari għar-riskji konnessi mal-utilizzazzjoni ***tal-Internet***;	*videogames online*, b'attenzjoni partikolari għar-riskji konnessi mal-utilizzazzjoni ***fl-Internet ta' logħob vjolenti u logħob tat-tip "Second Life" li jista' jkollu effetti serji fuq il-minuri***;

Or. en

Emenda 13
Nicolae Vlad Popa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu s-sistemi ta' filtru li jistgħu jinqdew bihom il-familji għal dak li għandu x'jaqsam mal-*videogames online*, b'attenzjoni partikolari għar-riskji konnessi mal-utilizzazzjoni tal-Internet;	5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu s-sistemi ta' filtru li jistgħu jinqdew bihom il-familji għal dak li għandu x'jaqsam mal-*videogames online* ***u biex jippromwovu l-PEGI online***, b'attenzjoni partikolari għar-riskji konnessi mal-utilizzazzjoni tal-Internet, ***u ċ-chat rooms marbuta ma' dan it-tip ta' logħob***;

Or. en

Emenda 14
Nicolae Vlad Popa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ***joħolqu*** sistema ta' klassifikazzjoni pan-Ewropea għal etajiet differenti ***(awtoregolamentazzjoni jew koregolamentazzjoni)*** biex tiġi applikata f'kull teknoloġija, meta jiqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull mezz ta' komunikazzjoni li ma jistax jiġi kkatalogat b'faċilità, bħalma huwa l-Internet;	6. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ***jaħdmu flimkien mal-partijiet interessati għall-ħolqien ta'*** sistema ***effettiva*** ta' klassifikazzjoni pan-Ewropea għal etajiet differenti ***(permezz ta' awtoregolamentazzjoni jew koregolamentazzjoni)*** biex tiġi applikata f'kull teknoloġija, meta jiqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull mezz ta'

komunikazzjoni li ma jistax jiġi kkatalogat b'faċilità, bħalma huwa l-Internet;

Or. en

Emenda 15
Nicolae Vlad Popa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Istati Membri jikkoperaw mar-rappreżentanti tal-industrija, korpi tal-ikklassifikar u partijiet interessati oħra sabiex jinstabu soluzzjonijiet innovattivi u effikaċi għall-verifika tal-età;

Or. en

Emenda 16
Kinga Gál

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippredisponu kodiċi ta' mġiba pan-Ewropew relattiv għall-bejgħ bl-imnut lill-minuri ta' *videogames* bl-iskop li jiġu rresponsabbilizzati anki l-bejjiegħa;	7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippredisponu kodiċi ta' mġiba pan-Ewropew relattiv għall-bejgħ bl-imnut lill-minuri ta' *videogames****, b'mod partikolari lil tfal bejn 5 snin u 12-il sena,*** bl-iskop li jiġu rresponsabbilizzati anki l-bejjiegħa;

Or. en

Emenda 17
Nicolae Vlad Popa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippredisponu kodiċi ta' mġiba pan-Ewropew relattiv għall-bejgħ bl-imnut lill-minuri ta' *videogames* bl-iskop li jiġu rresponsabbilizzati anki l-bejjiegħa;	7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippredisponu kodiċi ta' mġiba pan-Ewropew relattiv għall-bejgħ bl-imnut lill-minuri ta' *videogames****, maqbul bejn il-partijiet interessati kollha,*** bl-iskop li jiġu rresponsabbilizzati anki l-bejjiegħa;

Or. en

Emenda 18
Inger Segelström

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippredisponu kodiċi ta' mġiba pan-Ewropew relattiv għall-bejgħ bl-imnut lill-minuri ta' videogames bl-iskop li jiġu rresponsabbilizzati anki l-bejjiegħa;	7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippredisponu kodiċi ta' mġiba pan-Ewropew relattiv għall-bejgħ bl-imnut lill-minuri ta' ***logħob tat-televizjoni,*** videogames ***u logħob tal-kompjuter*** bl-iskop li jiġu rresponsabbilizzati anki l-bejjiegħa;

Or. sv

Emenda 19
Nicolae Vlad Popa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa linji gwida sabiex li tipprevjeni konflitti ta' interessi fi ħdan il-korpi tal-

klassifikazzjoni u tħares l-indipendenza ta' organizzazzjonijiet bħal dawn minn gruppi ta' interess marbuta mal-industrija;

Or. en

Emenda 20
Roberta Angelilli

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jidħlu għal azzjonijiet ta' informazzjoni għall-ġenituri u l-għalliema tal-iskejjel bl-iskop li jimtela l-vojt teknoloġiku bejn il-ġenerazzjonijiet;	8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jidħlu għal azzjonijiet ta' informazzjoni għall-ġenituri u l-għalliema tal-iskejjel bl-iskop li jimtela l-vojt teknoloġiku bejn il-ġenerazzjonijiet ***u jiġi promoss l-użu aktar sikur u konxju tat-teknoloġiji l-ġodda, inklużi l-videogames***;

Or. it

Emenda 21
Kinga Gál

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jidħlu għal azzjonijiet ta' informazzjoni għall-ġenituri u l-għalliema tal-iskejjel bl-iskop li jimtela l-vojt teknoloġiku bejn il-ġenerazzjonijiet;	8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jidħlu għal azzjonijiet ta' informazzjoni għall-ġenituri u l-għalliema tal-iskejjel bl-iskop li jimtela l-vojt teknoloġiku bejn il-ġenerazzjonijiet**,** ***biex jipprovdu informazzjoni ċara u differenzjata dwar l-użu normali u l-użu abbużiv tal-videogames***;

Or. en

Emenda 22
Nicolae Vlad Popa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jidħlu għal azzjonijiet ta' informazzjoni għall-ġenituri u l-għalliema tal-iskejjel bl-iskop li jimtela l-vojt teknoloġiku bejn il-ġenerazzjonijiet;	8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jidħlu għal azzjonijiet ta' informazzjoni għall-ġenituri u l-għalliema tal-iskejjel bl-iskop li jimtela l-vojt teknoloġiku bejn il-ġenerazzjonijiet ***u jiġu promossi l-PEGI u s-sistemi PEGI online***;

Or. en

Emenda 23
Roberta Angelilli

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni ***tippromwovi***, flimkien ***mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, in-netwerks u t-teknoloġiji eżistenti, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni*** intiżi biex ixerrdu fost iċ-ċittadini l-utilizzazzjoni tas-sistema PEGI.	9. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri biex,*** flimkien ***mal-assoċjazzjonijiet għad-drittijiet tal-minuri, il-familja u l-konsumaturi, u mal-ġenituri, l-għalliema u l-fornituri tas-servizz tal-Internet, il-produtturi u l-bejjiegħa tal-videogames, jippromwovu miżuri u kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni*** intiżi biex ixerrdu fost iċ-ċittadini l-utilizzazzjoni tas-sistema PEGI ***u l-PEGI Online***.

Or. it

Emenda 24
Nicolae Vlad Popa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi, flimkien mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, in-netwerks u t-teknoloġiji eżistenti, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni intiżi biex ixerrdu fost iċ-ċittadini l-utilizzazzjoni ***tas-sistema*** PEGI.	9. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi, flimkien mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, in-netwerks u t-teknoloġiji eżistenti, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni intiżi biex ixerrdu fost iċ-ċittadini l-utilizzazzjoni ***tas-sistemi*** PEGI ***u PEGI online***.

Or. en

Emenda 25
Roberta Angelilli

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	9 a. Jistieden lill-Istati Membri biex jinvolvu l-minuri f'miżuri biex jiġġieldu d-distribuzzjoni ta' videogames b'kontenut vjolenti u ta' ħsara, u b'mod partikolari jqis li l-minuri għandhom ikunu involuti f'inizjattivi li jipprovdu l-informazzjoni u jżidu s-sens ta' responsabiltà taċ-ċittadini, li jista' jipprovdilhom l-istrumenti bażiċi li bihom jagħrfu u jiddefendu ruħhom minn kontenut vjolenti u ta' ħsara;

Or. it

Emenda 26
Nicolae Vlad Popa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	9b. Jistieden lill-Kummissjoni biex

tiskoraġġixxi, permezz ta' miżuri leġiżlattivi speċifiċi, l-użu ħażin tal-logħob online għall-attivitajiet kummerċjali diżonesti, bħal dawk li b'mod diżonest iħeġġu l-utenti taħt l-età jidħlu f'irbit legali (eż. b'abbonamenti awtomatizzati jew programmi malizzjużi ta' ddajljar b'tariffi għolja) u jibagħtu messaġġi promozzjonali ta' kompetizzjoni żleali (eż. pubbliċità jew kummerċjalizzazzjoni sottili - "product placement/stealth marketing").

Or. en

Emenda 27
Inger Segelström

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9 c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	9c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu videogames, logħob tat-televiżjoni u l-kompjuter fil-programm "Safer Internet";

Or. sv

Emenda 28
Inger Segelström

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9 d (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	9d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni qawwija kontra l-logħob tal-kompjuter online immirat għat-tfal u ż-żgħażagħ li l-għan tiegħu hu li jagħmel il-qligħ.

Or. sv